32004D0108

L 32/15 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* 5.2.2004

# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI tat-28 ta' Jannar 2004 li temenda l-Anness Ċ għad-Direttiva tal-Kunsill 92/51/KEE dwar it-tieni sistema ġenerali għar-rikonoxximent ta' edukazzjoni u taħriġ professjonali ħalli tkun appoġġjata d-Direttiva 89/48/KEE

**(notifikata taħt id-dokument numru C (2003) 5381)**

**(Test b'rilevanza għall-ŻEE)**

(2004/108/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 92/51/KEE tat-18 ta' Ġunju 1992 dwar it-tieni sistema ġenerali għar-rikonoxximent ta' edukazzjoni u taħriġ professjonali biex tkun appoġġjata d-Direttiva 89/48/KEE (1), u b'mod partikolari l-Artikolu 15 tagħha,

Wara li kkunsidrat it-talba sottomessa mill-Ġermanja, l-Italja, l-Awstrija u r-Renju Unit,

Billi:

(1) Il-Ġermanja, l-Italja, l-Awstrija u r-Renju Unit issottomettew talbiet raġunati biex l-Anness Ċ għad-Direttiva 92/51/KEE ikun emendat.

(2) Il-Ġermanja talbet li t-titolu professjonali "terapista okkupazzjonali" ("Beschäftigungs-und Arbeitstherapeut") ikun appoġġjat bit-titolu professjonali "ergoterapista" ("Ergotherapeut"). L-Emenda tal-Liġi tat-Terapija Okkupazzjonali (Beschäftigungs-und Arbeitstherapeutengesetz) tal-25 ta' Mejju 1976 fil-verżjoni li kienet fis-seħħ fit-8 ta' Marzu 1994, liema emenda daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1999, introduċiet it-titolu professjonali "ergoterapista" ("Ergotherapeut") biex ikun użat mat-titolu eżistenti.

(3) L-Italja talbet biex titneħħa r-referenza għal "kiropodista" ("podologu"), peress li d-Digriet Ministerjali (Decreto ministeriale) Nru 666 ta' l-14 ta' Settembru 1994 jistabbilixxi l-kwalifiki professjonali li għandu jkollhom il-kiropodisti, kif ukoll jirrikjedi li d-diploma universitarja relevanti li teħtieġ tliet snin ta' studju għandha tkun tikkostitwixxi t-taħriġ obbligatorju għal dik il-professjoni. Wara d-dħul fis-seħħ ta' dak id-Digriet, il-professjoni ta' kiropodista bdiet taqa' fl-iskop tad-Direttiva tal-Kunsill 89/48/KEE tal-21 ta' Diċembru 1988 dwar sistema ġenerali għar-rikonoxximent ta' diplomi edukattivi ogħla li jingħataw wara t-tkomplija ta' l-edukazzjoni u t-taħriġ professjonali li jdum minn ta' l-anqas tliet snin (2).

(4) L-Awstrija għamlet talba biex jiżdiedu żewġ professjonijiet ġodda fil-qasam tal-kontabilità: "kontabilista kummerċjali" ("Gewerblicher Buchhalter"), f'konformità ma' l-Att dwar il-Kummerċ, is-Snajja' u l-Industrija ta' l-1994 (Gewerbeordnung 1994), u "kontabilista indipendenti" ("Selbständiger Buchhalter"), f'konformità ma' l-Att dwar il-Professjonijiet fil-qasam tal-Kontabilità Pubblika ta' l-1999 (Bundesgesetz über die Wirtschaftstreuhandberufe 1999). L-iskemi tat-taħriġ ġew sottomessi. Minħabba l-livell ta' speċjalizzazzjoni u r-responsabbiltà ta' dawk li jkollhom din il-kwalifika, din għandha titqies bħala simili għal diploma.

(5) L-Awstrija għamlet talba biex mill-Anness Ċ titħassar l-attività ta' l-aġenziji tar-reklamar u l-promozzjoni ("Werbeagentur") fil-kuntest tat-tiġdid tal-liġi dwar il-Professjonijiet ta' l-1997, BGBl. I Nru 63/1997, (Gewerbeordnungsnovelle 1997, BGBl. I Nru 63/1997).

(6) Ir-Renju Unit għamel talba biex tiżdied il-professjoni ta' "infermier veterinarju reġistrat" bħala Kwalifika Vokazzjonali Nazzjonali (KVN), livell 3, fir-Renju Unit bħala riżultat tat-tibdil fil-kriterji tat-taħriġ għal dik il-professjoni li kien hemm fir-Renju Unit. Il-Kulleġġ Rjali tal-Kirurġi Veterinarji huwa akkreditat mill-Awtorità tal-Kwalifiki u l-Kurrikulu (AKK) bħala l-entità relevanti li tagħti dawn il-kwalifiki. L-Anness Ċ għad-Direttiva 92/51/KEE diġà jinkludi l-KVN f'dak il-livell.

(7) Id-Direttiva 92/51/KEE għandha, għalhekk, tkun emendata kif xieraq.

(8) Il-miżuri li hemm f'din id-Deċiżjoni huma f'konformità ma' l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit taħt l-Artikolu 15 tad-Direttiva 92/51/KEE,

(1) ĠU L 209, ta' l-24.7.1992, pġ. 25. Direttiva kif emendata l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill (ĠU L 284, tal-31.10.2003, pġ. 1).

(2) ĠU L 19, ta' l-24.1.1989, pġ. 16. Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2001/19/KE tal-Parlament Ewropew u d-Direttiva tal-Kunsill (ĠU L 206, tal-31.7.2001, pġ. 1).

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Anness Ċ għad-Direttiva 92/51/KEE qed ikun emendat f'konformità ma' l-Anness għal din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fit-28 ta' Jannar 2004.

*Għall-Kummissjoni*

Frederik BOLKESTEIN

*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS*

L-Anness Ċ għad-Direttiva 92/51/KEE qed ikun emendat kif ġej:

1. Taħt l-intestatura 1, "Korsijiet dwar Taħriġ Paramediku u Ħarsien tat-Tfal", it-test qed ikun emendat kif ġej:

   (a) taħt is-sub-intestatura "fil-Ġermanja", l-inċiż "— terapista okkupazzjonali ('Beschäftigungs-und Arbeitstherapeut')" jinbidel bi "- terapista okkupazzjonali/ergoterapista ('Beschäftigungs-und Arbeitstherapeut/Ergotherapeut')";

   (b) taħt is-sub-intestatura "fl-Italja", l-inċiż "— kiropodista ('podologu')" għandu jitħassar.

2. Taħt l-intestatura 4, "Il-Qasam tekniku", it-test taħt is-sub-intestatura "fl-Awstrija" qed ikun emendat kif ġej:

   (a) għandhom jiżdiedu dawn l-inċiżi li ġejjin:

      (i) "— kontabilista kummerċjali ('Gewerblicher Buchhalter'), f'konformità ma' l-Att dwar il-Kummerċ, Snajja' u Industrija ta' l-1994 (Gewerbeordnung 1994),"

      (ii) "— kontabilista indipendenti ('Selbständiger Buchhalter'), f'konformità ma' l-Att dwar il-Professjonijiet fil-Qasam tal-Kontabilità Pubblika ta' l-1999 (Bundesgesetz über die Wirtschaftstreuhandberufe 1999)."

   (b) l-inċiż "— aġenzija ta' reklamar u promozzjoni ('Werbeagentur')" għandu jitħassar.

3. Taħt l-intestatura 5, "Korsijiet tar-Renju Unit akkreditati bħala Kwalifiki Vokazzjonali Nazzjonali jew Kwalifiki Vokazzjonali Skoċċiżi", fit-test taħt is-sub-intestatura "Taħriġ għal", għandu jiżdied dan l-inċiż li ġej:

   "— infermier veterinarju reġistrat."